MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1866/1999/1



**John Mary Ciappara maghruf bhala Jesmond Ciappara**

**vs**

**1. Sonia Ciappara Debattista, gia’ Sonia Debattista, mart John Mary Ciappara, minnu *de facto* isseparata;**

**2. In-Nutar Dottor Marthese Felice LL.D. u ghal kull interess li jista’ jkollu zewgha Dr. Anton Felice;**

**3. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ta’ Malta;**

**4. L-Avukat Generali tar-Repubblika ta’ Malta jew rapprezentant tieghu.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 tal-process datata tmintax (18) ta' Awissu 1989 fejn gie premess:-

Illi l-attur, John Mary Ciappara, meta kellu tlieta u ghoxrin sena (23), allegatament inghaqad fiz-zwieg mal-konvenuta, Ciappara Debattista Sonia, dak iz-zmien Debattista Sonia, meta din kellha dsatax-il (19) sena, u dan kien fil-Parrocca ta' San Bastjan gewwa Hal Qormi, nhar it-tmienja (8) ta' Settembru 1992;

Illi prezenzjalment, bejn il-konjugi Ciappara, kien hemm diversi proceduri skond il-ligi ghaddejjin fil-Qrati tal-Gustizzja taghna, kemm fil-kamp kriminali u kemm fil-kamp civili, fosthom kawza ghall-firda personali u talbiet ancillari u konnessi, li hija c-citazzjoni numru 948/99 quddiem din il-Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo LL.D. fl-ismijiet **"John Mary Ciappara vs Sonia Ciappara Debattista"**, li l-ewwel dehra hija appuntata ghal jum il-Hamis, sittax (16) ta' Settembru 1999, fid-disa` ta' filghodu;

Illi fit-tnax (12) ta' Lulju, 1989, il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista meta kienet ghadha Sonia Debattista, xebba u minuri ta' sittax-il (16) sena, kienet ghamlet kuntratt ta' emancipazzjoni, att numru 197 fl-atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dr. Marthese Felice LL.D. li l-attur indika bhala wahda mill-konvenuti f'din il-kawza odjerna, u fejn Calcidonio Debattista, missier il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, kien ippremetta li bintu, li jisimha Sonia Debattista, kif kienet maghrufa f'dak iz-zmien, kienet minghajr impjieg, kellha n-numru tal-karta ta' l-identita` 203973(M), u li l-istess bintu xtaqet tezercita l-kummerc;

Illi Sonia Debattista, kienet ghadha kif ghalqet is-sittax-il (16) sena fit-tlettax (13) ta' April 1989, il-komparenti Calcidonio Debattista prezenzjalment awtorizza lill-istess

bintu Sonia Debattista sabiex tezercita l-kummerc sabiex tinnogozja pjenament, u *in oltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha u dan ghall-iskop ta' l-artikolu 9 tal-Kodici Kriminali, *ossia* kif kienet il-pozizzjoni legali fit-tnax (12) ta' Lulju, 1989;

Illi effettivament, kontestwalment ma' din il-kawza, l-attur qieghed jipprezenta kawza ohra relatata mal-kuntratt tat-tnax (12) ta' Lulju 1989, b'mod partikolari ghat-tifsira legali tal-kelma emancipazzjoni, fid-dawl tal-kontenut fl-intier tieghu tal-kuntratt citat tat-tnax (12) ta' Lulju 1989;

Illi ghalhekk, l-attur ghandu nteress guridiku li jintavola din il-kawza billi apparti mill-fatt li huwa l-konsorti, anke jekk *de facto* isseparat mill-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, kien propju l-kuntratt tat-tnax (12) ta' Lulju 1989 li allegatament intuza bhala l-bazi legali tal-kuntratt li sar wara t-tmintax (18) ta' April 1990, *ossia* ftit tax-xhur wara meta l-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, dak iz-zmien Sonia Debattista, kienet ghadha xebba, ghadha minuri, u gharusa lill-attur, u fejn propju dawn riedu jakkwistaw appartament biex jaghmluh bhala d-dar konjugali taghhom kif allegatament hekk ghamlu fit-tmintax (18) ta' April (1990) fejn dan l-appartament inxtara gebel u saqaf u kien propju l-istess attur odjern li minn flusu nefaq madwar hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) biex propju rranga, attrezza u gab ghall-livell lussuz immens dan l-appartament numru 1, fi blokk ta' bini maghruf bhala 'Sonia Flats' fi Triq Bishop Labini, biswit Triq in-Naxxar, gewwa Birkirkara, fil-Gzira ta' Malta;

Illi l-ezitu tal-kawza kontestwalmentipprezentata mac-citazzjoni odjerna li tirrelata direttament b'mertu in konnessjoni mal-kuntratt tat-tnax (12) ta' Lulju 1989, hija ezitu mportanti, anke a bazi tal-mertu tal-kawza odjerna, li principalment tirrigwarda l-possibilta` ta' nullita` ineffettiva u nvalidita` tal-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990, ukoll in atti Nutar Dr. Marthese Felice, jew a bazi ta' kif tiddeciedi l-Qorti l-possibilta` li l-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990 jigi b'ordni tal-Qorti b'sentenza fid-dawl ta' din ic-citazzjoni odjerna jigi mibdul b'mod li jirrispekkja l-vero

somiljanza tal-fatti, *ossia* illi Sonia Debattista meta akkwistat il-fond ‘Sonia Flats’ fi Triq Bishop Labini, biswit Triq in-Naxxar, gewwa Birkirkara, effettivament ma akkwistatux f’isimha esklussivament imma l-intenzjoni kienet li hija takkwista l-fond *de quo* flimkien ma’ l-attur odjern li dak iz-zmien kien l-gharus taghha, u li fil-gurnata tal-kuntratt in ezami, *ossia* tat-tmintax (18) ta’ April 1990, hu kien baqa` fl-appartament li kien gebel u saqaf, jirrangah u jattrezzah biex propju ftit taz-zmien wara u cjoe` fit-tmienja (8) ta’ Settembru 1992, il-konjugi Ciappara, kienu nghaqdu fiz-zwieg u bdew jghixu f’dan l-appartament attrezzat u mmobiljat bi specifikazzjonijiet lussuzi u ta’ livell gholi mmens, u naturalment, l-attur odjern, fic-cirkostanza ta’ din l-ghaqda jew allegata ghaqda, bejnu u bejn il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, qatt ma staqsa domandi dwar il-kuntratt tat-tmintax (18) ta’ April (1990), domandi li bilfors kellhom jigu mistoqsija issa fid-dawl tac-cirkostanzi kif inbidlu bejn il-konjugi Ciappara, anke minhabba certu fatti li sar jaf bihom l-attur, fatti li jistghu jaghtu lok anke ghan-nullita` taz-zwieg bejn il-konjugi Ciappara minhabba li l-konvenuta diga` kien qed ikollha relazzjoni mal-kompan taghha prezenti, certu Carmelo Gauci, li sussegwentement sar maghruf li l-appartament mixtri minn Sonia Debattista kien gja` jintuza bhala *store* ghan-negozju li jmexxi dan il-kompan ta’ Sonia Debattista, Carmelo Gauci, li huwa ragel mizzewweg, negozjant u gja` ghandu hamest itfal;

Illi ghaldaqstant, ma jista` jithalla l-ebda dubju f’dawn ic-cirkostanzi dwar l-interess guridiku ta’ l-attur li jintavola din il-kawza odjerna, f’kaz illi xi hadd mill-konvenuti jikkontesta dwar l-interess guridiku ta’ l-attur f’dan l-aspett;

Illi l-attur ghandu nteress li huwa jibqa` jirrisjedi fid-dar konjugali, flimkien ma’ uliedu minuri, u ghaldaqstant qieghed f’dan l-istadju jirreferi ghall-kuntratt tat-tmintax (18) ta’ April 1990, in atti Nutar Dr. Marthese Felice LL.D. u fejn propju jidher li certu, Mario Micallef *nomine* bhala venditur, kien biegh lil Sonia Debattista li kienet ghadha minorenni u xebba, bint Calcidonio Debattista u Mary nee` Mallia, u li kellha numru tal-karta ta’ l-identita` 203973(M), dan il-fond fi stat ta’ gebel u saqaf, fil-livell ta’ l-ewwel

sular, li jgib in-numru 1 internament, fi blokk bini bla numru estern, u li jgib l-isem ‘Sonia Flats’ li jinsab f’Bishop Labini Street, Birkirkara, sovrapost u sottopost ghal beni ohra u skond id-dettalji fil-kuntratt citat;

Illi tajjeb li wiehed jaghmel referenza illi mill-Lvant, dan l-appartament imiss ma’ beni tas-Sur Gauci, li propju huwa l-koabitant u kompan u li mieghu qed tabita Sonia Ciappara Debattista b’effett minn Jannar 1999, meta hija qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali, abbandunat lil uliedha, abbandunat lil zewgha biex tesponi pubblikament il-hajja adultera taghha ma’ dan Carmelo Gauci, ragel mizzewweg b’hamest itfal, u li propju l-istess, Sonia Ciappara Debattista tinsab impjegata mieghu fi stabbiliment illi huwa mmexxi mis-socjeta` kummercjali Calbros Limited, propju f’numru 89, Triq in-Naxxar, Birkirkara, li jigi ftit passi boghod mill-entratura ta’ ‘Sonia Apartments’;

Illi wiehed jinnota wkoll li l-bejgh li allegatament, Sonia Debattista xtrat il-fond li bih kien jammonta ghal hamest elef lira Maltija (Lm5,000) u li effettivament kienu l-flus li l-genituri ta’ Sonia Debattista ghaddew lilha u lill-attur John Mary Debattista, biex bih ikunu jistghu jiffinanzjaw it-tieg taghhom, u li b’qerq, Sonia Debattista kienet marret ghand in-Nutar Dr. Marthese Felice u bih xtrat l-appartament in kwistjoni minghajr ma gharrfitha li dawk ma kinux flusha, li dawk kienu flushom, li kellhom jintuzaw kompletament ghal xi haga ohra, u li suppost il-fond kellu jinxtara minnha u mir-ragel li kien ser ikollha, *ossia*, l-attur odjern;

Illi l-attur kien jafda f’dik li haseb li kellha tkun il-mara tieghu u f’dak li kienet qed taghmel, u kien biss wara li sar bic-cert illi anke fiz-zmien li l-allegat xiri ta’ dak il-fond, l-imsemmija Sonia Debattista gja` kien qed ikollha relazzjonijiet intimi ma’ Carmelo Gauci, u illi l-iskop kellu jkun illi Carmelo Gauci huwa l-propjetarju ta’ l-appartamenti sovrapost ghall-appartament ta’ Sonia Debattista, u b’hekk kif effettivament kien qed jigri, il-konvenuta kien ikollha l-hin kollu biex tkun intima ma’ Carmelo Gauci, u meta dan il-pjan fallielha, effettivament,

kienet l-istess konvenuta li abbandunat id-dar konjugali kif fuq indikat, u fejn minn Jannar 1999 bdiet tghix mal-habib taghha, Carmelo Gauci;

Illi qieghed jigi kkontestat ghalhekk, illi l-kuntratt tat-tmintax (18) ta’ April 1990 ma huwiex validu, fl-ewwel lok minhabba li Sonia Debattista kienet ghadha minorenni, u fit-tieni lok, billi l-emancipazzjoni b’att tan-Nutar Dr. Marthese Felice tat-tnax (12) ta’ Lulju (1989) li a bazi tieghu qed tigi pprezentata kif gja` ntqal kawza kontestwalment, ma setghet qatt tirreferi ghal dan it-tip ta’ xiri, u huwa propju ghalhekk li saret il-kawza kontestwali dwar l-interpretazzjoni legali tal-kuntratt tat-tnax (12) ta’ Lulju 1989 u dwar it-tifsir tal-kelma *foemina mercatrix* li *in effetto,* il-konvenuta qatt ma kienet, kif jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza odjerna;

Illi wkoll fil-kawza tas-separazzjoni, *ossia* l-firda personali u talbiet konnessi ntavolata mill-attur odjern kontra l-mara tieghu il-konvenuta, minnu *de facto* gja` separata, fl-eccezzjonijiet u l-kontro-talba taghha, il-konvenuta odjerna, allegat li hija l-propjetarja parafernalment tal-fond imsemmi. Illi dan l-aspett ikkonfermatu fit-talbiet u fil-kontro-talba taghha, u huwa ghalhekk li l-attur odjern qieghed isostni li dan legalment zgur ma huwiex il-kaz, u dan ghall-bazi tal-fatti li jirrizultaw fil-mori ta’ din il-kawza anke a bazi tad-dikjarazzjoni guramentata f’din il-kawza odjerna ta’ l-istess attur;

Illi biex l-attur jissalvagwardja l-interessi legali u fattwali tieghu fir-rigward tad-dar konjugali li huwa qieghed jirrisjedi fiha flimkien ma’ uliedu minuri u membri ohra tal-familja tal-konvenuta, id-dar konjugali sitwata f’’Sonia Flats’ 1, Triq Bishop Labini bi swit Naxxar Road, gewwa Birkirkara, l-attur inizja diga` diversi proceduri legali, fosthom kawza ta’ talba ghall-firda personali u talbiet ancillari u konnessi fic-citazzjoni numru 948/99 (NA) fl-ismijiet **“John Mary Ciappara vs Sonia Ciappara Debattista”** ntavolata nhar it-Tnejn, sitta u ghoxrin (26) ta’ April 1999, b’disa` dokumenti, liema kawza issa tinsab appuntata ghall-ewwel dehra ghal nhar il-Hamis, sittax (16) ta’ Settembru 1999 fid-disa` ta’ filghodu;

Illi l-attur talab ukoll il-hrug u ottjena mandat ta' inibizzjoni quddiem din il-Qorti, Inibizzjoni Numru 2037/99 (LM) fl-ismijiet **"John Mary Ciappara vs Sonia Ciappara Debattista"** u akkordat fl-istess jum u notifikat lill-konvenuta f'zewg indirizzi, kif ukoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni Taqsima Successjoni, u lin-Nutar tal-Gvern – Arkivji Notarili, liema notifiki kollha saru f'April 1999, liema mandat ta' inibizzjoni propju jirrigwarda l-fond li huwa d-dar konjugali ta' l-attur, u dan sabiex il-konvenuta giet mizmuma milli potenzjalment taljena, tbiegh, tnehhi, titrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, l-propjeta` indikata, u fejn l-istess attur spjega illi l-fond gie akkwistat qabel iz-zwieg mill-konvenuta *shell form* imma gie attrezzat kollu kemm hu mir-rikorrent odjern ukoll qabel iz-zwieg f'ammont li javvicina l-hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000);

Illi l-attur ottjena wkoll mandat ta' Inibizzjoni iehor, mandat numru 2228/99 (LM) fejn talab li tigi salvagwardata sehmu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, kif ukoll il-kreditu li l-attur ghandu fil-konfront tal-komunjoni ta' l-akkwisti, liema talba giet ipprezentata fl-erba` (4) ta' Mejju 1999, u akkordata wkoll fl-erba` (4) ta' Mejju 1999, fl-ismijiet **"John Mary Ciappara vs Sonia Ciappara"**, fejn l-attur odjern evalwa l-mobbli u l-mobbilja li jinsabu fil-fond konjugali f'appartament numru 1, 'Sonia Flats', Triq in-Naxxar, Birkirkara, u fejn ghamel stima vaga li huwa *ossia* l-attur, nefaq aktar minn hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) biex ikun jista` jattrezza d-dar konjugali qabel iz-zwieg, liema mandat ta' Inibizzjoni gie debitament ukoll notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni Taqsima Successjoni, u lin-Nutar tal-Gvern – Arkivji Notarili fil-Belt Valletta, apparti mill-konvenuta;

Illi ghalhekk, huwa evidenti li l-attur ghandu nteress li juri illi l-akkwist da parti tal-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista, tal-fond matrimonjali huwa akkwist li jista` jkun null fid-dawl tal-kontenut kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990 u l-kawza kontestwalment ipprezentata li tirrigwarda

l-att pubbliku tat-tnax (12) ta' Lulju 1989 u li anke jekk din l-Onorabbli Qorti ma ssibx li l-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990, huwa effettivament null u nvalidu, il-Qorti taghraf illi l-konvenuta qarrqet possibilment, bin-Nutar Dr. Marthese Felice u anke bil-venditur, Mario Micallef *nomine* meta hija akkwistat il-fond f'isimha biss, meta fl-ewwel lok dan m'ghamlitux bi flusha, imma bi flus li l-genituri taghha ivversawlha li kellhom jintefqu fuq l-avveniment tat-tieg u cermonji konnessi, u minn naha l-ohra meta sar il-kuntratt, l-attur odjern kien qieghed propju fl-appartament jattrezzah u halla lill-gharusa tieghu tmur biex hija tikkonkludi x-xiri, mhux biss ghan-nom taghha, imma wkoll ghan-nom tieghu.  Illi ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti tifhem l-anzjeta` ta' l-attur fic-cirkostanzi li jattakka t-titolu ta' propjetarja da parti tal-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista, fuq id-dar konjugali;

Illi premess dan kollu li l-attur kien kostrett li jintavola din il-kawza odjerna, u allura qed jitlob lil din il-Qorti sabiex a bazi tan-nota tieghu datata 15 ta' Dicembru 2003, (a fol. 202) fejn huwa rriduca t-talbiet attrici ghall dawk segwenti fejn talab lill din il-Qorti tordna u tiddikjara li:-

1. Il-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990, in atti Nutar Dr. Marthese Felice, bejn Mario Micallef *nomine* u Sonia Debattista huwa null peress li l-imsemmija konvenuta kienet ghadha minorenni, *nonostante* kwalifika li hemm indikata fil-kuntratt citat (ara Dok. “FM1”);

2. *Nonostante* li l-konvenuta, fil-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990, bhala Sonia Debattista, hija ndikata bhala *'li kienet emancipata b'att tat-tnax (12) ta' Lulju 1989)'* xorta wahda l-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990 ghandu jigi dikjarat null u dan minhabba li l-emancipazzjoni ndikata fil-kuntratt tat-tnax (12) ta' Lulju 1989, legalment ma tkoprix xiri bhal ma l-konvenuta kienet ghamlet minghand Mario Micallef *nomine* fil-kuntratt citat tat-tmintax (18) ta' April 1990 (ara Dok. “FM2”);

3. Fl-eventwalita` li l-kuntratt tat-tmintax (18) ta' April 1990 jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li effettivament huwa validu u effettiv u mhux null null skond il-Ligijiet ta' Malta,

allura l-Qorti ghandha formalment tinserixxi lill-attur bhal wiehed mill-kompraturi fil-kuntratt hawn citat permezz ta' zieda debitament awtorizzata bis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Il-konvenut, Direttur Generali tar-Registru Pubbliku ta' Malta jew ir-rapprezentant tieghu ghandu jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega skond il-Ligi fid-dawl tad-decizjoni li taghti din il-Qorti a bazi tat-talbiet attrici u dan la biex id-drittijiet ta' l-attur u lanqas dawk ta' terzi nteressati ma jkunu b'xi mod pregudikati, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti kwalsiasi provvediment opportun li jidhrilha xieraq u gust fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji, nkluz ta' dawk l-atti kollha gudizzjarji konnessi direttament jew indirettament tal-mertu ta' din il-kawza odjerna kontra Sonia Ciappara Debattista jew minn min il-konvenuti l-ohra.

Illi l-attur jirrizerva li jipprocedi ulterjorment ghad-danni kollha li sofra, qed isofri u ghad jista` jsofri kagun ta' min seta` kien hati fid-dawl tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u a bazi tat-talbiet attrici.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 18 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, Sonia Ciappara datata 30 ta' Marzu 2000 a fol. 39 tal-process fejn eccepiet:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur, u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni *stante* in-nuqqas ta' nteress guridiku ta' l-attur;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, in-nullita` ta' dawn l-odjerni proceduri ukoll peress illi l-kawza ma gietx intavolata fil-konfront u kontra l-partijiet kollha fuq il-kuntratt li qieghed jigi attakkat fil-validita` tieghu;

3. Fit-tielet lok u wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` tac-citazzjoni *stante* il-konfuzjoni shiha fit-talbiet attrici, fejn minn naha l-wahda tintalab id-dikjarazzjoni tan-nullita` ta' atti pubblici, minn naha l-ohra ssir talba sabiex l-attur ikun inserit bhala parti fuq l-istess att pubbliku – minn naha l-wahda talba ghal dikjarazzjoni li l-konvenuta esponenti ghamlet uzu hazin minn flus moghtija lilha u minn naha l-ohra talba sabiex jigi dikjarat li l-konvenuta esponenti kellha tidher fuq l-att tal-bejgh anke f'isem u ghan-nom ta' l-istess attur bl-istess flus hawn fuq indikati;

4. Fir-raba` lok u minghajr pregudizzju, illi sia l-kuntratt ta' emancipazzjoni tat-tnax (12) ta' Lulju 1989 u sia l-kuntratt ta' bejgh tat-tmintax (18) ta' April 1990 huma validi fil-ligi u ghandhom ir-rekwiziti kollha rikjesti mill-istess ligi sabiex jitqiesu kuntratti validi fil-ligi;

5. Fil-hames lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma bbazati ghal kollox fuq premessi skorretti u nveritieri fis-sens illi mhux minnu illi sar xi forma jew ohra ta' qerq da parti tal-konvenuta esponenti, illi kull ma sar fuq iz-zewg kuntratti sar kollu bi ftehim u kull parti, inkluz il-genituri ta' l-esponenti u r-ragel taghha hawnhekk attur, kienu jafu b'kull mhu qed isir;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni taghha a fol. 41 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' April 2000 a fol. 45 tal-process fejn eccepixxa:-
1. In linea preliminari, l-attur m'ghandux interess guridiku li jintavola l-proceduri odjerni;

2. Illi l-Avukat Generali gie mharrek inutilment *stante* li a bazi ta' l-**artikolu 181B (2) tal-Kap 12** huwa ghandu jigi ngunt f'kawza biss jekk it-talbiet attrici ma jkunux jistghu

jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-Dipartimenti l-ohra tal-Gvern, li mhux il-kaz odjern *stante* li l-legittimu kontradittur f'kawzi ta' natura simili huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

3. Illi skond l-**artikolu 306 (5) tal-Kap 16,** ir-Registru Pubbliku huwa rapprezentat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux minn Direttur Generali tar-Registru Pubbliku kif indika l-attur fl-okkju tac-citazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju, rigward il-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghal provi dwar it-talbiet;

5. Illi fil-prezenza ta' l-esponent fil-proceduri odjerni hija mehtiega biss ghall-iskop ta' l-eventwali ezegwibbilita` tad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess a fol. 46 tal-process;
Rat li l-konvenuti Felice gew debitament notifikati bic-citazzjoni u l-avviz tas-smiegh fl-20 ta' Marzu 2000 u li ma pprezentaw l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet f'din il-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, tad-19 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti rrilevat li peress illi l-provi f'kawzi ohra bejn din il-koppja kienu qed jingabru mill-Assistent Gudizzjarju, Dr Monica Borg Galea nnominat lil din l-Assistenta Gudizzjarja biex ukoll tigbor il-provi f'din il-kawza; ta' l-20 ta' Novembru 2000; tat-2 ta' Mejju 2001 u tat-13 ta' Novembru 2001;

Rat l-avviz tal-21 ta' Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentement presjeduta;

Rat il-verbal tad-19 ta' Gunju 2002;

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 74), ta' Giorgia Muscat (a fol. 79) u ta' Calcedonius Debattista (a fol. 86);

Rat in-nota tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 28 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha rrizerva d-dritt ghall-kontro-ezami tax-xhieda moghtija permezz ta' l-affidavit ta' John Mary Ciappara, Giorgia Muscat u Calcedonius Debattista;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002;

Rat in-nota ta' l-attur li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Anna Mallia (a fol. 104);

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Marzu 2003; tat-30 ta' Ottubru 2003 fejn l-attur gie ordnat sabiex jirregola ruhu dwar it-talbiet tieghu u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' April 2004;

Rat in-nota ta' ristrutturizzazzjoni talbiet attrici ta' l-attur a fol. 202 tal-process;

Rat in-nota tal-konvenuta Sonia Ciappara a fol. 207 a fol. 207 datata 13 ta' Jannar 2004 fejn permezz taghha:-

1. Taghmel referenza ghan-nota ta' ristrutturazzjoni tat-talbiet attrici tal-15 ta' Dicembru 2003;

2. Izzomm ferm ma' l-eccezzjonijiet minnha moghtija fil-bidu ta' dawn il-proceduri;

3. Minghajr pregudizzju, illi t-tieni talba kif ridotta hija nsostenibbli *stante* li hija bbazata fuq l-ezitu ta' proceduri ohra, u daqstant iehor huma nsostenibbli t-tielet u r-raba` talbiet proposti;

4. Illi l-esponenti tipprotesta ruhha ghall-ispejjez kollha zejda li qed ikollhom isiru u *di piu`* ghall-ispejjez kollha mitluba mill-attur fin-nota tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ April 2004 fejn il-Qorti giet nfurmata li l-provi huma maghluqa. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Dr Emy Bezzina ghall-attur talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuta jibda jghaddi mill-eghluq tat-terminu moghti lill-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004;

Rat l-atti kollha fil-kawza Cit. Nru: 1867/99/RCP u x-xhieda hemm prodotti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-konvenuti Nutar Dr. Marthese Felice u Dr. Anton Felice;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju u x-xhieda minnha migbura;

Rat l-osservazzjonijiet tal-konvenuta, Sonia Ciappara;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONJIET.

### (I) CITAZZJONI ATTRICI.

Illi permezz tac-citazzjoni odjerna l-attur, John Mary Ciappara qed jattakka l-validita’ tal-kuntratt ta’ l-akkwist tal-fond f’’Sonia Flats’, Appartament Nru 1, Triq Bishop Labini bi swit Naxxar Rd, B’kara. Huwa jsostni li hu null minhabba li Sonia Debattista kienet ghadha minorenni, nonostante Dok. “FM 1” fejn saret l-emancipazzjoni taghha. Huwa jsostni li l-kuntratt ta’ l-akkwist tad-dar ghandu jigi dikjarat null minhabba li l-emancipazzjoni ma tkoprix xiri bhal ma l-konvenuta kienet ghamlet.

Illi minn naha l-ohra talab li fl-eventwalita' li l-kuntratt jigi dikjarat validu l-attur ghandu jigi nserit formalment bhala wiehed mill-kompraturi fil-kuntratt permezz ta' addenda. Dan ghaliex huwa sostna li l-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista ma kellhiex mezzi finanzjarji biex tixtri l-fond imma li hija wzat flus il-genituri taghha li kienu taw lilha kif ukoll lill-attur li kellhom jintuzaw ghac-celebrazzjoni taz-zwieg taghhom, izda hi wzathom biex tixtri l-fond f'Birkirkara.

Illi l-attur talab dikjarazzjoni li l-fond kellu jigi mixtri minn Sonia Debattista u John Mary Ciappara jew minn Sonia Debattista ghaliha personalment u bhala mandatarja specjali ta' John Mary Ciappara u dan peress li l-fond kellu jinxtara biex iservi bhala d-dar konjugali taghha. F'kaz ta' tali dikjarazzjoni din il-Qorti ghandha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel l-annotazzjonijiet mehtiega.

Illi *inoltre* l-attur qed jallega li l-kuntratt huwa null minhabba li l-konvenuta Sonia Ciappara qarqet bin-Nutar Pubbliku.

Illi sussegwentement l-attur sabiex jottempera ruhu mad-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Ottubru 2003 ipprezenta nota bit-talbiet ristrutturizzati li apparti dak li ssemma aktar 'il fuq l-attur ma semmiex li l-kuntratt ta' l-akkwist tax-xiri hu null a bazi ta' qerq minn naha ta' Sonia Ciappara.

Illi l-konvenuta, Sonia Ciappara Debattista eccepiet diversi eccezzjonijiet fosthom in-nullita' tac-citazzjoni *stante* nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attur. *Inoltre* n-nullita' tal-proceduri peress li l-kawza ma gietx intavolata fil-konfront tal-partijiet kollha fuq il-kuntratt li qed tigi attakkata l-validita' tieghu. Eccepiet ukoll in-nullita' tac-citazzjoni minhabba l-konfuzjoni shiha fit-talbiet attrici. Hija sostniet li kemm il-kuntratt ta' emancipazzjoni kif ukoll dak mertu tal-vertenza odjerna ghandhom ir-rekwiziti kollha rikjesti mill-ligi. Hija cahdet li kien hemm xi qerq minn naha taghha.

Illi hija pprezentat ukoll nota bhala risposta ghan-nota pprezentata mill-attur fejn irristruttura t-talbiet tieghu.

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku ta' l-attur. Hemm ukoll eccezzjonijiet ohra li se jigu trattati aktar 'il quddiem li huma ta' natura procedurali.

**(II) PROVI PRODOTTI.**

Illi fl-affidavit tieghu l-attur, **John Mary Ciappara,** rrefera ghall-kuntratt ta' emancipazzjoni datat 12 ta' Lulju 1989 fejn Calcidonio Debattista awtorizza lil bintu Sonia, ta' sittax-il (16) sena, sabiex tezercita l-kummerc u tinnegozja pjenament, u *inoltre* sabiex titqies bhala magguri ghar-rigward ta' kwalunkwe obbligazzjonijiet kontrattati minnha. Huwa xehed li minn meta sar dan il-kuntratt ta' emancipazzjoni sad-data meta l-konvenuta, Sonia ghalqet it-tmintax-il (18) sena hija qatt ma ezercitat il-kummerc jew innegozjat pjenament.

Huwa sostna li ghandu nteress jaghmel din il-kawza minhabba kuntratt datat 18 ta' April 1990 fejn martu xtrat il-fond konjugali. Huwa nfatti pprezenta kawza ohra sabiex jattakka dan il-kuntratt ta' akkwist minhabba li hija ma kellhiex il-mezzi finanzjarji biex takkwista u hija wzat il-flus li tawha l-genituri taghha b'qerq, ghax dawn kienu ntizi ghat-tieg. *Inoltre* huwa hareg hafna flus ghall-allestiment tieghu u b'hekk il-post kellu jigi akkwistat f'isem it-tnejn.

Illi f'affidavit iehor tieghu sostna li meta Sonia giet emancipata, l-uniku objettiv taghha kien minhabba li n-Nutar qaltilha li jekk ma temancipax ruhha ma setghetx tixtri d-dar waqt li kienet ghadha minuri. Hija ma kellhiex interess li tmexxi xi kummerc. *Inoltre* missierha ghalkemm mar ghand in-Nutar maghha huwa lanqas biss jiftakar li kien prezenti.

Illi in kontro-ezami xehed li l-post xtrawh huwa u Sonia parti minn flus li tathom ommha u parti harighom huwa. B'hekk xtrawh nofs b'nofs. Huwa sostna li kien iffirma ghal xi karti li pero' m'ghandux kopja taghhom. Dawn il-

karti tathomlu Sonia biex jiffirmahom u qaltlu li dawn kienu biex il-flus li taha u dawk li tawha l-genituri taghha jmorru ghand in-Nutar bihom. Huwa qal li nefaq eluf kbar ta' flus biex ilesti l-*flat*. Mistoqsi jekk huwa qattx kellem lin-Nutar li ppubblika l-att ta' akkwist fuq din il-kwistjoni qabel ma fetah il-kawza, huwa rrisponda fin-negattiv.

Illi in ri-ezami qal li huwa la jaf jaqra u lanqas jikteb u ma jifhimx fil-ligi. Meta mar ghand l-avukat biex isir l-affidavit huwa qallu l-fatti li graw u l-avukat qieghed id-diskors bil-miktub. Il-kliem tqil kitbu l-avukat. Il-kliem tfisser lilu u huwa qbel mieghu. Huwa qal li meta Sonia tatu l-karti biex jiffirma dawn kienu biex jixtru l-post bejniethom. Huwa ma staqsiex x'kien gara ghax kien jafdaha u jhalli kollox f'idejha. Sar jaf li fil-kuntratt ta' l-akkwist ma jidhirx ismu meta Sonia telqet mid-dar u nbdew il-proceduri tas-separazzjoni. Qabel ma kienx jaghti kaz.

Illi **Mary Debattista,** omm il-konvenuta Sonia, xehdet li bintha ltaqghet ma' l-attur meta kellha erbatax-il (14) sena u huwa dsatax-il (19) sena. Hija xehdet li l-proprjeta' li nxtrat minn bintha hija ta' l-attur. Dan peress li hija kienet tatha elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) li suppost kienu ghat-tieg u l-elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) harighom l-attur. Hija kkonfermat li bintha marret flimkien ma' missierha ghand nutar sabiex tigi emancipata. Ix-xhud sostniet pero' li bintha qatt ma ezercitat atti tal-kummerc f'hajjitha, la qabel u lanqas wara l-kuntratti msemmija fic-citazzjoni. Meta bintha ghamlet il-kuntratt ta' emancipazzjoni lanqas biss kellha sittax-il (16) sena, u ma kien hemm ebda pjanijiet biex bintha tezercita xi atti tal-kummerc. Bintha qatt ma hadmet. Kollox il-genituri taghha kienu jhallsulha. Hija qalet li ma kienet taf b'xejn dwar il-kuntratt ta' akkwist imma taf li bintha hallset bil-flus li tawha hija u zewgha. Huma kienu faddluhomlha biex ihallsulha t-tieg. Il-flus dejjem gibdithom ix-xhud. Minn naha l-ohra pero' qalet li l-elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) ghad-*deposit* gibdithom hija u tathom lit-tifla ghax kienet taf li riedu jixtru proprjeta'.

Illi hija sostniet li meta sar il-kuntratt tax-xiri tal-*flat* Sonia kellha sittax-il sena nieqes tlett xhur u mhux sbatax-il sena

maghluqa. Kienu prezenti ghal dan il-kuntratt hija u zewgha u Sonia. Bintha kienet qalet li n-Nutara kienet tatha xi karta qabel biex jiffirmaha Jesmond u kien ghalhekk li huwa ma kienx prezenti. Hija ma rathiex din il-karta pero'. L-iskop ta' din il-karta kien biex nofs il-post jidher fuq l-attur.

Illi qalet li hi kienet mat-tifla meta sar il-kuntratt ta' l-emancipazzjoni. Hija mhiex qed taqbel mad-data li tirrizulta fl-att ta' l-emancipazzjoni. Skond hi, Sonia kellha anqas minn sittax-il sena u dan tiftakru ghax in-Nutara talbitha l-karta ta' l-identita' ta' Sonia u din spjegat lin-Nutar li ma kellhiex minhabba li ma kienitx ghalqet is-sittax-il sena. B'hekk kienet marret l-insinwa biex iggib ic-certifikat tat-twelid minhabba n-numru ta' l-identita'. Hija ma setghetx tispjega ghalfejn il-kuntratt huwa datat 12 ta' Lulju 1989 minhabba li hija ma tafx taqra. Sostniet li huma darba biss marru ghand in-Nutar. Illi hija kkonfermat li bintha qatt ma hadmet wara li ghalqet is-sittax-il (16) sena; kif ukoll lanqas qabel ma ltaqghet ma' zewgha.

Illi **Anna Mallia**, iz-zija ta' Sonia, pprezentat affidavit fit-tul fejn hafna mix-xhieda m'hijiex relevanti ghall-kaz odjern. Hija xehdet li Sonia kienet qisha bintha u sa ma telqet mid-dar konjugali kienet tkun dejjem ghandha. Hija xehdet li meta Sonia kienet tohrog ma' l-attur ma kinitx tahdem u b'hekk qatt ma kellha paga. Kienu dejjem il-genituri taghha li jtuha l-flus. *Inoltre* Sonia qatt ma kellha nteress li tidhol f'xi negozju jew li forsi tezercita xi forma ta' kummerc. Hija taf li sa mit-twelid ta' Sonia ommha kienet tfaddal il-flus taghha tac-*children allowance* kif ukoll xi flus li kienet taqla' f'xi okkazzjonijiet. Hija qalet li sa fejn taf hija l-post inxtara mit-tnejn flimkien.

Illi **Calcedonius Debattista,** missier il-konvenuta Sonia, xehed li huwa jiftakar li kien mar ghand in-Nutar Marthese Felice fejn kien qalilha li ried iholl lil bintu Sonia milli jkollu awtorita' fuqha biex din setghet taghmel xi negozju. Huwa xehed li dan sar ghax hi riedet tixtri post. Huwa qal li Jesmond kien hareg il-flus. Huwa qal li mar darbtejn ghand in-Nutara meta ghamlu l-konvenju u meta sar il-

kuntratt ta’ l-akkwist. Huma hallew kollox f’idejn in-Nutara ghax ma jafux skola. Huma kienu hargu elfejn u hames mija biex jinxtara l-post u n-nofs l-iehor hargu Jesmond. Huwa sostna li n-Nutar ma fehmitux ghalfejn kellu jiffirma. Huwa xehed li n-Nutar ma kinitx qaltlu li kienet se taghmel xi kuntratt biex permezz tieghu bintu tkun tista’ tixtri l-post fuq isimha, u li kellu jiffirma bilfors biex bintu tixtri fuq isimha. Huwa ma jafx ghalxiex kien qed jiffirma.

Illi huwa qal li permezz ta’ dak il-kuntratt, is-sidien tal-post kellhom ikunu l-attur u bint ix-xhud. Il-post kien inxtara gebel u saqaf. Dak iz-zmien bintu u l-attur kienu gharajjes u qed ihejju biex jizzewgu. Fil-post kien ghamel kollox hu. L-ispejjez kien harighom kollha l-attur.

Illi **Giorgia Muscat,** iz-zija tal-konvenuta Sonia, xehdet li omm Sonia kienet tghidilha li tfaddlilha c-*children’s allowance*. Hija xehdet li Sonia kienet qaltilha li nofs il-flus kienet se tohroghom hija u n-nofs l-iehor, Jesmond.

Illi **Sonia Ciappara Debattista,** il-konvenuta, xehdet li meta kellha sittax-il (16) sena thajjret tixtri l-post. Ommha kienet tatha tlett elef lira Maltija (Lm3,000) - aktar tard xehdet li dawn kienu elfejn lira Maltija (Lm2,000) - li kienet fadlitilha mic-*children’s allowance*. Il-kumplament tal-flus isselfithom minghand iz-zija taghha, Helen Zammit. Meta mistoqsija kif setghet taghmel il-kuntratt tax-xiri hija rrispondiet li n-Nutara Felice kienet issuggeriet li minhabba l-eta’ setghet taghmel emancipazzjoni. Hija kienet diga’ qeghda fid-*deal* biex tixtri l-post. In-Nutara kienet qaltilha li riedet tistenna minhabba certu karti ta’ l-emancipazzjoni mill-Qorti u infatti kienu geddu l-konvenju darbtejn.

Illi meta mistoqsija kinitx tahdem hija xehdet li minn meta kellha tlettax-il (13) sena kienet tmur il-hanut taz-zija taghha, Giorgia Muscat, u dan minn 1986 sa l-1993. Hija kienet tithallas pero’ ma kellhiex ktieb tax-xoghol. Hija kienet taqla’ tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha u fl-ahhar sentejn hamsa u tletin lira Maltija (Lm35). Minhabba li kienet issellfet il-flus kienet twarrab mill-paga biex thallas id-dejn. Hija m’ghandhiex karti la biex jippruvaw l-introjtu

taghha u lanqas li ssellfet il-flus. Ommha kienet tmur thallas liz-zija taghha fl-ahhar tax-xahar mill-flus li warrbet il-konvenuta u kellha pitazz fejn kien jitnizzel kemm tatha. Dan pero’ huwa fil-pussess ta’ ommha, Mary Debattista.

Illi hija spjegat li minhabba li kienet ghadha taht l-eta’ meta marret biex tixtri l-post ried isir kollox fuq il-genituri taghha. Missierha pero’ ma riedx ghax qalilha li kieku kellu jmut nofs il-post tiehdu ohtha. B’hekk tkellmu man-Nutara u semmietilhom l-emancipazzjoni. Hija xehdet li l-objettiv ewlieni li sar il-kuntratt ta’ emancipazzjoni kien biex hija tkun tista’ tixtri d-dar. Ghall-konvenju mar missierha maghha. Jesmond Ciappara ma kien imdahhal f’xejn. Dak iz-zmien li xtrat il-post hija kienet tohrog ma’ l-attur u hija ddecidiet li tixtri post biex jekk tizzewweg tmur toqghod fih.

Illi hija cahdet dak li qalet ommha li d-data tal-kuntratt mhiex korretta. Il-konvenuta xehdet li meta marru l-ewwel darba ghand in-Nutar ma kellhiex sittax-il (16) sena izda sakemm saret il-procedura kollha bil-Qorti ghalqet l-eta’ rikjesta.

Illi hija sostniet li l-attur qatt m’ghamlilha prokura biex hija tiffirma f’ismu. Huwa qatt ma ffirma xejn. Illi x-xhud cahdet dak li qal missierha fl-affidavit tieghu li Jesmond hareg xi flus ghax dan ma kellux. Hija sostniet li dak li qalu l-genituri taghha u z-zijiet dwar li hi (a) qatt ma hadmet, (b) li l-uniku ntrojtu kien it-tfaddil li ommha kienet ghamlet mic-*children’s allowance*, u (c) li zewgha kien taha l-flus biex hija tkun tista’ tixtri l-post f’isimhom it-tnejn u li ghal dik ir-raguni giet emancipata m’huwiex korrett.

Illi hija xehdet ukoll li xtrat il-post biex jekk tasal tizzewweg tmur tghix go fih. Dak iz-zmien kienet tohrog ma’ Jesmond.
Hija xehdet li zijitha, Anna Mallia, ma kinitx prezenti meta sar il-kuntratt ta’ l-akkwist. Hija kienet haditha tarah pero’ wara li kienet xtratu. Hija xehdet ukoll li l-attur qatt ma ghamel xi *claim* fuq id-dar fis-sens li d-dar hija nofsha tieghu meta kienu jghixu taht l-istess saqaf. Hija sostniet li l-battibekki kienet taqlaghhom ommha ghax kienet

tghidilha li ghalkemm kienet taf li l-post kienet xtratu hi kieku kellha titlaq kienet se tixhed kontriha fis-sens li l-post kien ta' zewgha u mhux taghha.

Illi n-**Nutar Marthese Felice** xehdet li b'referenza ghal Dok. "FM 1" fl-process 1866/99 u Dok. "FM2" fl-istess process minn fol. 30 sa 33 ta' l-istess process hija ma tiftakarx ic-cirkostanzi li fih saru. Dan minhabba t-trapass taz-zmien. Infatti hija xehdet li jista' jkun li *oltre* l-persuni ndikati f'Dok. "FM2" kien hemm persuni ohra prezenti izda hija ma tiftakarx.

Illi in kontro-ezami xehdet li wara li rat l-atti taghha hija tipprezumi li kollox sar regolari. Sa fejn taf hi biex il-kuntratt ta' l-emancipazzjoni gie ppubblikat hija segwiet il-proceduri necessarji. Meta mistoqsija li kieku Sonia Ciappara kellha xi forma ta' awtorizzazzjoni sabiex barra lilha tirrapprezenta lil xi haddiehor kienx jirrizulta mid-dokument hija rrispondiet fl-affermattiv.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-Qorti, bhal ma sar fil-kawza l-ohra fl-ismijiet premessi, ser tibda sabiex titratta t-tielet eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn sostna li skond l-**artikolu 306 (5) tal-Kap.16** r-Registru Pubbliku hu rapprezentat mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u mhux minn Direttur Generali tar-Registru Pubbliku kif indikat fl-okkju tac-citazzjoni mill-attur u ghalhekk din il-Qorti tilqa' din l-eccezzjoni *in vista* ta' dak li jipprovdi l-istess artikolu u tordna l-korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni attrici u kull fejn jirrikorri. Fil-fatt jinghad li dan qed issir *stante* li l-prezenza ta' l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku hija *se mai* rikjesta ghall-esegwibilita' tad-decizjoni tal-Qorti.

Illi dwar l-eccezzjoni tan-nullita' tac-citazzjoni attrici, ssir referenza ghas-sentenza fl-ismjiet **"Galleria Management Limited vs Derby International Limited"** (App. Civ. Nru: 1809/2000/1 – 10 ta' Jannar 2003) fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tenniet li l-kazijiet li fihom l-eccezzjoni tan-nullita' ta' atti gudizzjarji jistghu jinghataw huma dawk imsemmija fis-**sub-artikolu (1) ta' l-artikolu**

**789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u li l-erba' (4) cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex dik l-eccezzjoni ta' nullita' ta' att gudizzjarju tirnexxi, trid bilfors taqa' taht il-parametri ta' xi wahda minnhom;

Illi minbarra dan, bis-sahha tal-bidliet li saru fil-ligi bl-**Att XXIV ta' l-1995**, l-eccezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn m'hix ibbazata fuq il-hrug ta' l-att gudizzjarju minn Qorti li m'hix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi. Tifsira tajba ta' din id-dispozizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-legislatur wera li ried iqeghda, hija moghtija f'sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino;"** (28 ta' Jannar 1998 – Kollez. Vol:LXXXII.ii.30). Ghaldaqstant din l-eccezzjoni bhala tali qed tigi michuda, anke jekk ic-citazzjoni attrici m'hijiex wahda li tista' tigi rrakomandata minn din il-Qorti.
Illi fejn it-talbiet attrici, kemm dawk originali u kemm dawk ristrutturati qed jaghmlu riferenza ghall-kuntratt ta' emancipazzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, tat-12 ta' Lulju 1989 jigi rilevat li din il-Qorti llum stess tat decizjoni fil-kawza fl-istess ismijiet premessi b'Cit. Nru: 1867/99/RCP fejn il-kuntratt ta' emancipazzjoni li sar fl-isemmija datat tat-12 ta' Lulju 1989, mertu ta' l-istess kawza gie ritenut bhala li huwa huwa validu *ai finijiet* kollha tal-ligi u dan anke ghaliex gie fuq kollox ddikjarat li l-attur ma kellu l-ebda nteress guridiku sabiex jipprezenta dik il-kawza.

Illi ghalhekk fejn l-istess attur qed jattaka l-validita' tal-kuntratt tat-18 ta' April 1990 a bazi tan-nullita' tal-kuntratt tat-12 ta' Lulju 1989, dawn it-talbiet qed jigu michuda u qed issir riferenza ghall-kwantu applikabbli ghas-sentenza deciza llum fl-istess ismijiet premessi Citazzjoni Numru 1867/99/RCP.

Illi hawn ser tigi trattata l-kwistjoni ta' nteress guridiku ta' l-attur li jaghmel din il-kawza a bazi ta' kuntratt ta' akkwist ta' proprjeta' mmobbli li huwa lanqas kien parti fiha u dwar l-kuncett ta' nteress guridiku din il-Qorti taghmel riferenza

ghall-principji li jirregolaw l-istess li gew ikkonfermati fis-sentenza **"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et"** tat-28 ta' Ottubru 1998 (Citazzjoni Numru 831/97/RCP), liema principji huma intizi sabiex kull cittadin jkollu access lejn il-Qrati biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu.

Illi nfatti kif intqal fis-sentenza **"J. Muscat et vs R Buttigieg et"** (27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481):-

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta' l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu: b) dirett u personali: fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

Illi fil-fatt, fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni"** (P.A. (JRM) – 18 ta' Jannar 2001 – Cit. Numru 1790/00/JRM) inghad illi:-

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale**", maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.I]".*

Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per

ezempju, sentenza ta' din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet **"Francis Tonna vs Vincent Grixti"**, Kollezz. Vol. LXXV1.iii.592].

Illi fis-sentenza **"M Bond vs C Mangion et"** gie spjegat li:

*"Fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cjoe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

Dan kien ikkonfermat fis-sentenza "**A Calleja vs O Micallef**" (1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247).

Illi fis-sentenza imbaghad tas-17 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **"Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard"** qalet li **"*l-interess guridiku huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta' l-azzjoni".***
Illi jekk nigu ghall-fatti tal-kaz fl-optika tal-kwistjoni dwar l-interess guridiku ta' l-attur li jippruproni l-kawza attrici fejn qed jitlob in-nullita' tal-kuntratt ta' akkwist tal-proprjeta' immobbli hemm deskritta akkwista mill-konvenuta, Sonia Ciappara, minghand certu Mario Micallef datat 18 ta' April 1990, huwa jispjega l-interess guridiku tieghu f'dan is-sens:-

(a) Illi fl-ewwel lok huwa zzewweg lill-konvenuta Sonia Ciappara u kellhom zewgt itfal. Martu telqet mid-dar konjugali biex marret tghix ma' ragel iehor. Huwa baqa' jghix fid-dar konjugali flimkien mat-tfal. Jirrizulta mid-dokumenti pprezentati li din id-dar matrimonjali nxtrat minn Sonia Debattista wara li kienet giet emancipata minn missierha. L-attur permezz ta' kawza ohra attakka nfatti l-validita' tal-kuntratt ta' emancipazzjoni li ntuza bhala bazi legali tal-kuntratt ta' l-akkwist tad-dar matrimonjali datat 18 ta' April 1990. Huwa pprezenta l-kawza odjerna sabiex jattakka l-validita' tal-kuntratt ta' xiri a bazi li hu null minhabba minorita' u ghax Sonia Ciappara qarrqet bin-

Nutar. Pero’ fl-eventwalita’ li l-kuntratt hu validu qed jitlob li ssir addenda fl-imsemmi kuntratt fis-sens li jidher li hu ghandu nofs il-post. Dan ghaliex qed isostni li huwa hareg sehemu mill-prezz inizjali, kif ukoll ghax hareg eluf kbar ghall-allestiment ta’ l-istess post, u fl-ahharnett ghax illum qed jirrisjedi fih flimkien ma’ zewg minuri.

(b) Qed isostni li l-kuntratt ta’ emancipazzjoni li ntuza bhala bazi legali tal-kuntratt ta’ l-akkwist tad-dar matrimonjali datat 18 ta’ April 1990 huwa null.

Illi kif inghad dwar din it-tieni raguni din il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza wkoll llum stess fejn il-vantazzjoni ta’ l-attur rigwardanti l-istess kuntratt ma gewx accettati, b’dan li l-imsemmi kuntratt gie ritenut bhala validu, *stante* li anke gie kkonfermat li l-attur ma kellu l-ebda interess guridiku jattaka l-istess.

Illi dwar l-ewwel raguni migjuba din m’ghandha x’taqsam xejn mal-kuntratt ta’ akkwist li l-attur qed jattaka f’din ic-citazzjoni attrici – fil-fatt ir-ragunijiet ta’ separazzjoni, l-allegati aggravji ta’ martu, l-fatt li huwa qed jghix fl-istess dar, u l-affarijiet kollha allegati mill-attur, m’ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ l-allegata nullita’ ta’ l-imsemmi kuntratt ta’ akkwist, u dawn l-allegazzjonijiet kollha ta’ l-attur ma jwasslux biex guridkament jinghad li ghandu nteress guridiku jaghmel din il-kawza specjalment meta huwa m’ huwiex parti fl-istess kuntratt ta’ akkwist ta’ l-imsemmija proprejta’ mmobbli.

Illi ghalhekk fl-isfond tal-premess din il-Qorti thoss li l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u tal-konvenuta, Sonia Ciappara, ghandha tigi milqugha *stante* li l-attur m’ghandhux l-interess gurdiku sabiex jaghmel din l-azzjoni fuq kuntratt li fuq kollox lanqas kien parti minnu.

Illi jinghad ukoll li l-azzjoni attrici ma tistax ukoll tirnexxi *stante* li l-istess attur jikkontrasta l-azzjoni li huwa qed jaghmel b’diversi modi, fosthom fejn f’mument jallega li l-konvenuta qarrqet bin-Nutara meta mbaghad ipprezenta verzjoni imqassra tat-talbiet tieghu, din l-allegazzjoni ma gietx inkluza. Mhux hekk biss talli lanqas ma gabx provi

f'dan is-sens biex jipprova jissustanzja l-allegazzjoni tieghu.

Illi apparti dan l-allegazzjonijiet ta' l-attrici huma serjament kompromessi wkoll meta fl-ewwel zewg talbiet attrici qed jitlob in-nullita' ta' l-istess kuntratt, izda, mbaghad huwa talab li jigi formalment inserit bhala wiehed mill-kompraturi fil-kuntratt tat-18 ta' April 1990 permezz ta' addenda; dan sar kemm fit-talbiet originali tac-citazzjoni attrici u kif ukoll ghat-tielet talba tieghu fin-nota ristrutturizzazzjoni talbiet attrici li hija fuq l-istess linja.

Illi din it-talba kif maghmula ma tista' qatt tintlaqa'. Infatti fl-ewwel lok issir referenza ghall-**artikolu 1001 tal-Kap.16** li jipprovdi:-

*"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi."*

Illi meta imbaghad wiehed ihares lejn il-**Kap.55 tal-Ligijiet ta' Malta, cjoe` l-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivju Nutarili** johrog car li din il-Qorti ma tistax tordna dak mitlub minnha ghax mhux legalment possibbli. Infatti l-**artikolu 44 tal-Kap.55** jipprovdi:-

*"Ebda tibdil ma jista' jsir f'att wara li jkun gie ppubblikat u ffirmat, kif jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan."*

Illi l-**artikolu 43 tal-Kap.55** jipprovdi:-

*"Ir-riceviment ta' att ma jitqiesx li hu komplut sakemm l-att ma jigix ippubblikat u mbaghad iffirmat; f'hin wiehed, mill-partijiet, mill-fidem facientes, mill-interpreti, mix-xhieda u min-nutar, skond il-kaz, kif jinghad fl-artikolu 28 (1)(k) u (l)."*

Illi z-zewg artikoli sussegwenti jipprovdu:-

**Art. 45:** *"Ir-rexissjoni, it-tibdil jew it-thassir ta' att isir b'att iehor ghalih."*

**Art. 46(1):** *"In-nutar ma jista' fl-ebda zmien jaghmel ebda annotazzjoni f'att hlief f'dawk il-kazijiet li ssemmi l-ligi."*

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-kuntratt tat-18 ta' April 1990 gie ppubblikat u ffirmat skond l-**artikolu 43 tal-Kap.55**. B'hekk ma jista' jsir ebda tibdil fih. Skond l-**artikolu 45** kwalunkwe tibdil li jrid isir f'att irid isir b'att iehor u mhux permezz ta' addenda kif mitlub mill-attur. Mhux hekk biss talli n-Nutar ma jistax jaghmel ebda annotazzjoni f'att hlief f'dawk il-kazijiet li ssemmi l-ligi. Kwindi l-attur zgur li b'din l-azzjoni mhu se jkollu l-ebda rizultat utili u vantaggjuz.
Illi ovvjament jidher car li talba bhal din lanqas hija guridikament possibbli u anke jekk jigi ppruvat dak allegat mill-attur li huwa jirrisjedi fid-dar ma jtihx id-dritt li jaghmel id-dar fuq ismu. *Inoltre* l-allegazzjoni tieghu li hareg eluf ta' liri sabiex jitlesta l-istess post ma tintitolahx ghal dak li qed jippretendi izda *semmai,* jekk jigi ppruvat li flusu ntuzaw fil-proprjeta' parafernali tal-konvenuta, allura huwa jkollu kreditu favur tieghu.

Illi fl-ahharnett rigward l-allegazzjoni tieghu li huwa kien iffirma xi karti li tatu Sonia Debattista biex hi tidher ukoll f'ismu fuq il-kuntratt tax-xiri baqghet biss allegazzjoni ghaliex m'hix pruvata *stante* li l-ebda kopji ma gew ipprezentati jew b'xi mod ma gie ppruvat li kien hemm xi mandat. Dan apparti li l-kawza li kellha tigi istitwita kellha tkun hafna differenti minn dik odjerna.

Illi ghall-komplettezza u ghal dak li huwa l-mertu ta' l-azzjoni attrici din il-Qorti thoss li apparti dak kollu premess, l-azzjoni attrici qatt ma' tista' tirnexxi bil-mod kif giet proposta, u dan peress li l-attur certament m'huwiex il-legittimu kontradittur, anke ghaliex qatt ma kien parti fil-kuntratt premess; ghal dak li jirrigwarda l-konvenuti n-Nutar Marthese Felice u l-Avukat Anton Felice, l-istess ghandhom ukoll jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-premessi tac-citazzjoni attrici, u inqas u inqas fuq l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur. L-istess jista' jinghad ghad-Direttur tar-Registru Pubbiku u l-Avukat Generali.
**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tillibera lill-Avukat General tar-Repubblika, lin-Nutar Dottor Marthese Felice u l-Avukat Dr. Anton Felice, u lid-Direttur tal-Registru Pubbliku mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li m'humiex il-legittimi kontradittur, u fil-waqt li tilqa' *in parte* l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, Sonia Ciappara, fejn ecceppiet in-nuqqas ta' nteress guridku ta' l-attur, u wkoll ir-raba' u l-hames eccezzjoni**, tichad it-talbiet attrici kollha kemm minhabba li l-attur m'ghandux interess guridiku u kif ukoll *stante* li t-talbiet kollha tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u guridikament insostenibbli kif indikat f'din id-decizjoni odjerna.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------